# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 117/24TA**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru ta' referenza 2272/2023, fl-ismijiet:**

**Baris Goze (Passaport Awstrijakk Numru K142902) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv Dr Sarah Sultana (K.I. Nru. 0012581M)**

**vs**

**Mr Green Limited (C43260)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mr Green Limited (is-soċjeta' rikorrenti) tal-5 ta' Frar 2024;

Rat ir-risposta ta' Baris Goze (l-intimat) kif rappreżentat mill-Avukat Sarah Sultana tal-5 ta' April 2024;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat li r-rikors tħalla' għal digriet in camera.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Qieset li dan huwa rikors li bħalu saru diversi oħrajn u ġew determinati minn din il-Qorti. Fl-ispirtu ta' dawn id-diversi digrieti l-Qorti ser tgħaddi biex tipproċedi dwar ir-rikors odjern bil-mod segwenti.

Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba rikorrenti b'dana li sakemm ikun hemm eżitu finali bejn il-partijiet fil-proċeduri kif intavolati ai termini tar-regolament jew sakemm ikun hemm ftehim mod ieħor bejn il-partijiet. Dan ifisser li din il-Qorti qed tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-Sentenzi li qed jintalbu li jkunu eżegwiti, fis-sens li ebda wieħed mill-partijiet ma jkun jista' jiżbanka kwalsiasi flus li hemm depożitati u/jew li jistgħu jiġu depożitati taħt l-Awtorita' tal-Qorti b'konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru numru 2346/2023 fl-ismijiet premessi salv għal dak li jkun deċiż skond il-proċeduri li hemm pendenti bejn il-partijiet fir-rikors numru 115/2024TA.

**Illum 15 ta' April 2024**

**Onor Imhallef Toni Abela LL.D.**